Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

Data tal-laqgħa: 18 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 10. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

11.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 11.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

11.3.1 <u>Para 10.3.3 – Librerija Miftuħa</u>
Is-SE infurmat li l-Librerija Miftuħa bdiet topera minn din il-ġimgħa.

11.3.2 <u>Para 10.4.2 – *Litter Bins*</u>
Is-SE infurmat li l-*litter bins* għandhom jiġu kkonsenjati għada filgħodu.

11.3.3 <u>Para 10.4.3 – Sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Kbira</u>
Is-SE infurmat li l-kuntrattur qalilna li minħabba *health & safety*, il-*boundary wall* ser jitneħħa kif jissaqqaf l-ewwel sular u titlesta l-faċċata.

11.3.4 <u>Para 10.4.4 - Plakka tar-ram fi Triq il-Barriera k/m Triq Santa Marija</u>
Is-SE infurmat li l-plakka ġiet imnaddfa bil-ħall abjad mill-ħaddiema tal-Kunsill. Ser jiġi ċċekkjat jekk jistax jimtela l-kliem bl-iswed biex ikun jidher aħjar.

11.3.5 <u>Para 10.11.1 - Kwotazzjonijiet għal *folding door*</u>
Wara li rċivejna d-disinn ta' kif ġej il-bieb mingħand iż-żewġ kumpaniji li kkwotaw l-irħas żewġ offerti (*5 leaf door*), il-Kunsill għażel it-tieni l-irħas offerta peress li l-bieb kwotat bl-irħas prezz kien ser ikollu *rail* imwaħħal fuq il-madum u li din tista' tikkawża xi inċident peress li jistgħu jaqgħu fiha. Il-bieb ġie ordnat.

11.3.6 <u>Para 10.11.6 - *Street art permission*</u>
Is-SE infurmat lis-sorijiet m'approvawx li jsiru *murals* mal-ħajt tal-Kunvent f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina għax iridu jipproteġu r-residenti ta' Dar Merħba Bik.

**F'dan il-ħin (4.08pm) daħlet il-Kunsillier Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

11.3.7 <u>Para 10.3.4 - *Active Ageing Sessions*</u>
Il-Viċi Sindku infurma li ltaqa' mas-Sindku u l-Viċi Sindku tal-Iklin dwar dan, fejn qablu li dawn is-sessjonijiet jsiru fis-Sala tal-Iklin b'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ Kunsilli. Kien hemm qbil li l-ispejjeż jinqasmu ugwalment bejn iż-żewġ kunsilli u l-Kunsill Ħal Balzan ser ikun unikament responsabbli mill-organizzazzjoni u s-spejjeż ta' trasport bejn Ħal Balzan u l-Iklin, u lura. Il-Viċi Sindku ser ikun qed jibgħat *email* liż-żewġ Kunsilli biex jibdew il-preparamenti meħtieġa u ssir laqgħa bejn iż-żewġ Kunsilli mal-*Active Ageing and Community Care*.

11.3.8 <u>Para 10.4.5 - Triq Annibale Preca</u>
Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef staqsa dwar jekk smajniex xi ħaġa fuq il-*connections* il-ġodda tad-drenaġġ. Is-SE infurmat li ma rċevietx risposta.

## 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.4.1.1 <u>*Balzan Arts & Music Festival 2017*</u>
Is-Sindku infurma li wieħed mill-grupp tal-istudenti li kienu ħadu sehem qed jerġgħu jitolbu li jitħallsu għal

spejjeż relatati mal-attività. Is-SE infurmat lill-Kunsill li dawn ma kienux tħallsu għax wara li kienet talbithom diversi drabi jippreżentaw l-irċevuti fiskali sa ċertu żmien, biex tkun tista' tibgħat kollox lid-DGL għar-rifużjoni tal-ispejjeż, ma kienux bagħtuhom.

11.4.1.2 Is-Sindku qal li ppreżentawlu 2 irċevuti li jammontaw għal €76.42c, u peress li l-ammont huwa minimu, issuġġerixxa li jitħallsu. Il-Kunsill unanimament qabel.

11.4.2 <u>Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kkomunika mal-Onor Dr Ian Borg, fejn spjegalu l-problemi ta' din l-għalqa. Is-Sindku spjegalu li l-Kunsill ilu jitlob biex din l-għalqa tiġi devoluta lill-Kunsill (għal 15 –il sena) biex titnaddaf u ssir parkeġġ kontrollat. Is-Sindku talab lis-SE sabiex tibgħat ittra lill-Ministru bit-talba tal-Kunsill.

11.4.3.1 <u>Niċeċ fil-lokalità</u>

Is-Sindku infurma li hemm numru ta' niċeċ fil-lokalità li jinsabu fi stat diżastruż u hemm bżonn li jiġu restawrati. Issemmew 2 partikolari li jinsabu fi stat diżastruż, in-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena u niċċa fi Triq il-Kbira ftit 'l isfel minn Skarpoli.

11.4.3.2 Ser jiġi ċċekkjat jekk dawn in-niċeċ humiex privati jew tal-knisja, biex nitolbu lill-proprjetarji jirrestawrhom. Apparti minn hekk ser tiġi ppreparata lista tan-niċeċ kollha fil-lokalità biex tkun disponibbli f'każ li jkun hemm xi skema ta' fondi.

11.4.3.3 Il-Viċi Sindku infurma li l-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jalloka madwar €34,000 lil kull Kunsill li jaqa' taħtu permezz ta' skema, u ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel użu minn dawn il-fondi, dejjem jekk m'hemmx spejjeż kbar biex jiġu restawrati diversi niċeċ.

11.4.3.4 Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano rrimarka lis-salib ta' niċċa fi Triq it-Tliet Knejjes kien għadu ma twaħħalx. Is-SE infurmat li żmien ilu dan kien qed jiġi restawrat mis-sid u ser tibgħatlu *reminder* biex jitwaħħal.

11.4.4 <u>*Sleeping policeman* fi Triq Ġuże' Bonnici</u>

Is-Sindku infurma li xi residenti lmentaw għall-fatt li tneħħiet l-i*sleeping policeman* minn Triq Ġuże' Bonnici. Il-Kunsill qabel li din terġa' teħel fil-parti ta' bejn iż-zebra cross u k/m Triq Dun Spir Sammut. B'dan il-mod ma ttellef lil ħadd mir-residenti.

11.4.5.1 <u>Talba għal permess biex tintrama tinda</u>

Is-Sindku infurma li l-proprjetarju ta' *Fra Giuseppe Wine Bar* qed jitlob permess biex f'lejliet il-Milied u f'lejliet l-Ewwel tas-Sena jarma tinda fl-isqaq ta' quddiem l-entratura prinċipali. It-tinda tiżżarma filgħodu stess nhar il-Milied u l-Ewwel tas-Sena, ser jitħalla passaġġ għan-nies u t-tinda ser titħalla miftuħa miż-żewġ naħat sabiex in-nies ikunu jistgħu jgħaddu minnha. Ser ikun hemm *mobile toilets,* li wkoll ser jitneħħew immedjatament wara.

11.4.5.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva li jinħareġ il-permess bil-kundizzjoni li:

1. Irid jitħalla passaġġ għan-nies, kemm minn barra u kemm minn taħt it-tinda;
2. Irid jitħalla aċċess għad-djar li hemm fl-isqaq;
3. Irid ikun hemm *mobile toilets*, li jitneħħew immedjatament wara*;*
4. It-tinda trid tiżżarma u l-isqaq irid jitnaddaf filgħodu stess nhar il-Milied u l-Ewwel tas-Sena u
5. Irid josserva l-obbligi legali kollha fosthom li ma tindaqqx mużika amplifikata wara l-11.00pm.

## 11.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

11.6.1.1 <u>Pjan ta' Ħidma 2020-2024</u>

Il-Pjan ta' Ħidma 2020-2024 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

11.6.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 11.7 Kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes

11.7.1 Ġiet innutata r-risposta mibgħuta milll-Isqof Awżiljarju dwar it-talba biex il-Kunsill ikollu amministrazzjoni konġunta taż-żewġ kappelli li hemm fi Triq it-Tliet Knejjes.

11.7.2 L-Isqof Awżiljarju qed jistaqsi jekk hemmx xi eżempji f'postjiet / parroċċi oħra f'Malta ta' 'amministrazzjoni konġunta'. Il-Kunsill ma jafx jekk hawnx ftehim ta' dan it-tip f'lokalitajiet oħra.

11.7.3 L-Isqof Awżiljarju staqsa wkoll jekk saritx xi talba lill-kappillan ta' Ħal Balzan. Is-Sindku rrimarka li kienet saret talba lill-kappillan, fejn kien qal lid-deċiżjoni trid tittieħed mill-Kurja u mhux minnhu.

11.7.4 Is-SE ser tikkomunika din l-informazzjoni lill-Isqof Awżiljarju.

## 11.8 Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla

11.8.1 Is-Sindku qal li l-Perit infurmah li biex Triq il-Qarċilla (il-parti ta' bejn Triq il-Karenza u Triq San Franġisk) tibqa' *two-way,* TM mhux ser tapprova li jsir *parking* fuq iż-żewġ naħat tat-triq għax mhix wiesgħa biżżejjed.

11.8.2 Il-pjanta proposta ġiet diskussa u unanimament kien hemm qbil li tiġi eliminata l-parti tan-nofs (li ħierġa 'l barra bis-siġar), u titħalla biss il-parti tan-naħa tad-djar fejn ġej il-*parking.* B'hekk min-naħa ta' Triq il-Qarċilla jibqa' kollox kif inhu. Is-Sindku ser jikkomunika d-deċizjoni tal-Kunsill lill-Perit biex jemenda l-pjanti.

## 11.9 Tisbiħ tal-*Playing field*

11.9.1 Is-Sindku semma l-iskavar li sar relatat mas-*Central Link Project,* u li għamel ħsara kbira f'kapella li tinsab ftit 'il bogħod mix-xogħlijiet. Bħal dan il-każ, jista' jiġri l-istess jekk isir skavar daqshekk viċin il-Knisja, biex isir l-*underground parking.*

11.9.2 Għalkemm parkeġġ addizzjonali fiż-żona huwa bżonnjuż, is-sogru li jista' jsir xi ħsarat fil-Knisja, xelters u ġibjuni li jinsabu fil-viċinanzi huwa kbir u l-Kunsill tal-opinjoni li l-*underground parking* ma jsirx.

11.9.3 Peress li ammont ta' residenti jixtiequ li jsir l-*underground parking,* ġie ssuġġerit li jitqabbad espert (*construction engineer*) biex jagħmel studju tal-pedamenti madwar il-perimetru kollhu tal-bandli u jħejji rapport dettaljat li jkun jinkludi kemm jista' jinżel fil-fond bl-iskavar. Fil-laqgħa li jmiss is-SE ser tippreżenta xi kwotazzjonijiet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

11.9.4 Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano infurma li waslulu diversi lmenti dwar l-istat diżastruż li jinsab fih il-*playing field,* fejn it-tfal bilkemm għandhom fejn jilagħbu peress li l-apparat kważi kollhu mkisser. Il-proġett tat-tisbiħ ser jieħu snin sakemm jiġi implimentat, sakemm isiru l-pjanti, permessi u jinħarġu s-sejħiet għall-offerti. Għalhekk ġie deċiż li sadanittant jinbidlu l-bandli u l-pupu tal-molla. Is-SE ser iġġib xi kwotazzjonijiet.

11.9.5 Dwar fondi biex isir il-proġett tal-bandli, is-SE infurmat li l-Kunsill jista' japplika mal-PA għad-*Development Planning Funds* fejn il-Kunsill jingħata lura 70% tal-ispejjeż.

## 11.10 Wied Ħal Balzan

11.10.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill bl-affarijiet relatati ma' xogħlijiet ta' *road markings* u tabelli f'Wied Ħal Balzan li għadhom pendenti min-naħa ta' IM. Infurmat ukoll li bħala Kunsill, infurmajna lill-IM diversi drabi biex isiru.

11.10.2 Kien hemm ilmenti minn sid ta' garaxx dwar il-1m *dyl* li saru mal-ġnub tal-garaxxijiet li hemm fil-parti ta' fuq ta' Wied Ħal Balzan għax kif saru ħadd mis-sidien ma jista jipparkja quddiem il-garaxx. Peress li l-bankina wiesgħa, ġie ssuġġerit li titħalla distanza ta' 1.2m għan-nies u l-kumplament tal-bankina ssir parkeġġ (*part on pavement*) u minflok il-1m *dyl* isir *single yellow line* it-tul kollhu. Dan is-suġġeriment ser ngħadduh lill-IM għall-konsiderazzjoni tagħhom.

11.10.3 Kien hemm ilmenti minn residenti dwar il-kaxxa s-safra ta' quddiem il-*Convenience Shop*. Is-SE spjegat li

qabel il-*Convenience Shop* kien hemm *showroom* tal-karozzi u apparentament din il-kaxxa safra qatt ma tneħħiet. Peress li l-*Convenience Shop* ikollhu ammont kbir ta' xogħol x'jinħatt u peress li f'dik iż-żona hemm problema ta' parkeġġ, ġie ssuġġerit li l-kaxxa safra ssir *un/loading bay* bejn it-8.00am u l-4.00pm, u *parking* mhux ristrett fil-ħinijiet l-oħra. Dan għaliex jekk titneħħa kompletament, il-merkanzija tibda tinħatt minn nofs it-triq. Ser napplikaw ma' TM għal permess.

11.10.4 Issemmiet l-*un/loading bay* li hemm fejn il-*hairdresser* k/m Triq it-Tliet Knejjes. Ġie nnutat li din kienet saret peress li hemm aktar minn 6 ħwienet fil-viċinanzi.

## 11.11 Ġemellaġġi

11.11.1 Is-SE infurmat li sal-lum għandna ma rċivejniex risposta mingħand is-Sindki ta' Pedara u Ficarra dwar jekk humiex interessati jingħaqdu f'ġemellaġġ mal-Kunsill.

11.11.2 Is-SE qalet li għadna kif ġejna nfurmati li l-komun ta' Dörgicse fl-Ungerija għadhom kif rebħu s-sussidju tal-EU u qed jistiednu membri mill-Kunsill flimkien ma' rappreżentanti minn 4 komunitajiet oħra Ewropej għall-programm ta' ħamest –ijiem (bejn l-10 u l-14 ta' Ġunju 2020) bħala l-ewwel stadju għall-programm ta' ġemellaġġ. L-ispejjeż relatati mal-akkomodazzjoni għal erbat ijiem, 3 ikliet kuljum, attivitajiet, eskursjoni ta' ġurnata ser jiġu ffinanzjati minnhom, u l-Kunsill irid iħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

11.11.3 Is-SE spjegat li f'Jannar 2019, il-komun ta' Dörgicse kienu qed ifittxu lokalità biex jissieħbu f'ġemellaġġ, u l-Kunsill kien irreġistra l-interess tiegħu.

11.11.4 Is-SE infurmat li l-ġimgħa d-dieħla ser tiltaqa' ma' rappreżentanti minn EMCS Ltd (li għandhom kuntratt mar-Reġjun biex joffru servizzi ta' espert estern għal taħriġ, sapport, identifikazzjoni ta' opportunitajiet fil-fondi tal-EU) biex jispjegaw aħjar x'ser ikun jinvolvi dan il-proġett jekk il-Kunsill jipparteċipa.

11.11.5 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa, però l-ewwel ser nistennew il-parir tal-espert estern dwar dan il-proġett u niċċekkjaw kemm ser jiswew l-ispejjeż tal-ivvjaġġar. Is-SE ser tikkomunika d-dettalji kollha (informazzjoni ta' x'ser jinvolvi u spejjeż) lill-Kunsilliera, biex tittieħed deċiżjoni.

## 11.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

11.12.1.1 <u>*Claim No.* 01/2020</u>
Ġiet innutata r-risposta tar-resident għad-deċiżjoni tal-Kunsill li approva li jirrifondi l-ispiża ta' *tyre* wieħed biss, fejn qed jinsisti li jitħallas ta' 2 *tyres*.

11.12.1.2 Il-Kunsill qabel li m'għandux jibdel id-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti.

11.12.2.1 <u>Proposta għal Triq San Valentin</u>
Ġiet innutata r-risposta tar-resident għar-rsiposta tal-Kunsill, fejn qed jgħid li *sleeping policeman* waħedha mhix biżżejjed.

11.12.2.2 Il-Kunsill irrimarka li la l-Perit qal li jekk tikber il-bankina jkun hemm problema biex iduru l-vetturi kbar, din il-proposta ma tistax tiġi implimentata. Il-Kunsill qal li jekk ir-residenti jaqblu, nippruvaw l-i*sleeping policeman* u naraw kif imorru.

11.12.3.1 <u>Boroż fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal</u>
Residenta qed tilmenta peress li qed jintefgħu boroż ta' skart organiku fit-*traffic island* u b'hekk qed ikun hemm ġrieden fit-triq u anke fl-għalqa li hemm fil-viċinanzi. Ir-residenta qed tissuġġerixxi li:

1. ssir *CCTV camera* li tista' tissorvelja wkoll l-għalqa;
2. jiġi pprovdut *bin* kbir biex ir-residenti jpoġġu l-boroż fih.

11.12.3.2 Dawn is-suġġerimenti ma ġewx approvati mill-Kunsill. Ser nerġgħu inqassmu l-iskeda fid-djar ta' dik iż-żona, kif ukoll ser inwaħħlu tabella 'tarmix żibel hawn' bil-multi għal min jinqabad iħammeġ, kif twaħħlu fejn il-*bring-in-site*.

11.12.4.1 <u>Talba biex parti minn Vjal il-Bon Pastur issir *one-way*</u>
Resident qed jerġa' jitlob biex parti minn Vjal il-Bon Pastur (bejn Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq Birbal) issir *one-way.*

11.12.4.2 Il-Kunsill m'approvax din it-talba għax it-triq wiegħa biżżejjed li takkomoda traffiku miż-żewġ direzzjonijiet.

11.12.5.1 <u>Periklu f'salib it-toroq fejn il-*Hospice*</u>

Residenta qed tilmenta dwar periklu li hemm f'salib it-toroq fi Vjal il-Bon Pastur k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima għax ta' sikwiet qed ikun hemm inċidenti tat-traffiku fiż-żona peress li hemm *blind corner*.

11.12.5.2 Is-SE infurmat li IM għad iridu jagħmlu *Stop road marking,* kif ukoll ġiet ordnata *traffic mirror* mill-Kunsill. Apparti minn hekk, hemm *sleeping policeman* viċin salib it-toroq.

11.12.6.1 <u>Talba biex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku f'parti minn Triq San Franġisk</u>

Residenta qed titlob biex Triq San Franġisk (il-parti ta' bejn Triq il-Kbira u Wied Ħal Balzan) issir *one-way* bil-kontra għax karozzi li ħierġin għal Triq il-Wied m'għandhomx viżibilta' tajba tal-vetturi.

11.12.6.2 Il-Kunsill m'approvax din it-talba kif qed tiġi proposta ser toħloq konfużjoni tat-traffiku speċjalment fil-ħinijiet tal-iskola, għax il-vannijiet u l-karozzi ser ikollhom jgħaddu mill-pjazza biex joħorġu minn Ħal Balzan. Minħabba l-problema ta' veloċità f'Wied Ħal Balzan, il-Kunsill kiteb lill-LESA biex issir *speed camera.*

11.12.7.1 <u>*Sports Day* għat-tfal u ż-żgħażagħ</u>

Il-Kunsillier Mary Louise Briffa issuġġeriet li flimkien mal-Kunsill Lokali Iklin, tiġi organizzata *Sports Day* għat-tfal u ż-żgħażagħ.

11.12.7.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsillier Mary Louise Briffa tiċċekkja dwar fejn u kif tista' ssir din l-attività u tiġi diskussa fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

11.12.8 <u>Servizz ta' Trasport għall-Anzjani</u>

Il-Kunsillier Mary Louise Briffa nfurmat li l-Ministru mhux ser jgħin fl-ispejjeż biex jiġi offrut servizz ta' trasport għall-anzjani peress li bħala Ministeru diġà joffru s-servizz tat-Tuktuk f'diversi lokalitajiet. Fix-xhur li ġejjin suppost ser tiġi estiża mal-lokalitajiet kollha, l-iskema fejn l-anzjani jistgħu jibbukkjaw biex jieħdu d-demm fid-dar tagħhom minflok imorru l-berġa.

## 11.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 02/20, li tinkludi l-ammont ta' €160.49c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2020.

11.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 11.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.05pm.

11.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it- Tlieta, 24 ta' Marzu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |